MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 734/2006

**GasanMamo Insurance Limited C 3143 kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Main Services Limited skond il-ligi u l-polza (L056209)**

**Vs**

**Carmelo Caruana Company Limited proprio kif ukoll bhala agenti u mandatarji ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Embassy Freight Services Northern Limited bhala trasportaturi tal-merkanzija u jew bhala noleggjaturi u jew armaturi tal-vapur CMA CGM Bizet u in rapprezentanza ta l-istess**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta Awissu 2006 fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' elf erba mija u tmenin lira sitta u tletin centezmu (Lm1480.36) rapprezentanti nuqqasijiet f'compressor parts li kellhom jaslu Malta fil-25 ta Ottubru 2005 liema konsenja qatt ma waslet ghand l-

assikurta tas-socjeta attrici li ghalhekk gie kkumpensat ghal tali nuqqas u b’hekk sehhet is-surroga u ghal liema nuqqas hija responsabbli s-socjeta konvenuta.
Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra s-socjeta konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex dirigenti tas-socjeta konvenuta proprio et nominee iwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata legalment is-socjeta konvenuta baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici u kif ukoll ma deheritx la fis-seduta tat-13 ta Ottubru 2006, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta elf erba mija u tmenin lira sitta u tletin centezmu (Lm1480.36) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta dan l-avviz u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------